## IL-WERREJ


Id-daħla ........ 5

Kif naqraw novella ........ 9

Dwar in-novella ........ 11

In-novelli

- Vari ........ 14
- Ħanut tal-ħelu ........ 28
- Boċċa tal-ħġieġ ........ 40
- Ħġieġ ........ 51
- Taħt fanal mitfi ........ 61
- Rmied ........ 70
- Għadd ........ 79
- Gerita ........ 86
- Pjanu ........ 96
- Ġebel u tafal ........ 107
- Is-suġġeritur ........ 116
- Cherry ........ 124

Mistoqsijiet ġenerali għar-reviżjoni ........ 139

It-tabella tematika ........ 140

Il-profil tal-karattri ........ 141

Il-mappa tal-ideat ........ 144

Il-komponiment letterarju ........ 145

It-titli u l-kwotazzjonijiet ........ 150

Ir-referenzi ........ 156

## ID-DAĦLA

### L-arti skomda tal-inċertezza

Fin-novelli ta' Trevor Żahra dak li ma jingħadx hu importanti daqs dak li jingħad. Il-qarrejja jieħdu rwol attiv għax isawru l-istorja s-sħiħa kif jidhrilhom huma, bil-biċċiet iż-żgħar, mit-trufijiet. U l-ebda storja minn tagħna mhi gidba jew ħrafa. Kull verżjoni hija realtà oħra minn diversi realtajiet possibbli.

L-istejjer huma stedina.
Ftuħ mhux għeluq.

Għax ħafna minn dawn ta' Żahra huma stejjer li jibdew u ma jispiċċawx. Huma karattri li daqskemm huma inċerti huma, inisslu l-inċertezza fina l-qarrejja. Huma karattri maqbuda fil-"limbu ta' baħħ u dlam" ("Għadd"). M'hemm ebda ġudizzju mdendel fuq rashom (għalkemm il-ħin qed jagħfas). Hemm huma u ċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom jew li ħolqu għalihom infushom. Donnhom l-istejjer qed joħolquhom huma stess. Qishom kisbu awtonomija mill-awtur. (U hawn tidħol il-ħila ta' Żahra — u s-sigriet li mhu sigriet xejn — li dawn l-istejjer, fil-verità, sawwarhom kittieb.)

Il-karattri donnhom jiddjalogaw flimkien għax imdakkrin minn vizzju li jgħidulu ħajja, u fl-istess waqt mhedda mill-marda tal-mewt. Mhuma xejn differenti minna. Huma aħna. U għax huma aħna, huma daqstant tal-biża'. F'dawn il-karattri

naraw u naqraw lilna nfusna. Skont it-teorija Platonika u Aristoteljana tal-mimesis, (fi ftit kliem) l-arti timita l-ħajja. Jew bil-kontra? Għax min-naħa l-oħra, fi kliem Vivian, miktub minn Oscar Wilde, il-ħajja timita l-arti. U minkejja li dan id-diskors jaf jinstema' paradossali, skontu, huwa minnu anke jekk huwa perikoluż ("The Decay of Lying").

Din il-pożizzjoni hija reminixxenti tad-dramm ta' Martin McDonagh li fih Katurian jiġi interrogat b'rabta ma' għadd ta' omiċidji ta' tfal li jirriflettu l-kontenut tal-istejjer tiegħu ("The Pillowman"). Skont Bettelheim f'*The Uses of Enchantment: The Meaning and Importance of Fairy Tales*, "'Safe' stories mention neither death nor aging, the limits to our existence, nor the wish for eternal life. The fairy tale, by contrast, confronts the child squarely with the basic human predicaments". Dawn l-aspetti li jsemmi Bettelheim, insibuhom fin-novelli ta' Żahra li xi minn daqqiet jieħdu saħansitra x-xeħta ta' ħrafa. Kultant taħkimna l-kurżità, jekk fil-fatt ħajjitna ssegwix dawn l-istejjer. Aktarx li l-elementi universali li fihom huma inevitabbli fil-ħajja.

Bħal-lupu, Żahra perikoluż. Jittantana biex nirfsu fi spazji ġodda, li qatt ma mraħna fihom, f'territorji mhux mirfusa. U bil-qawwa tal-kelma tiegħu, jaħkimna. Aħna l-ostaġġi tal-kelma ta' Żahra li nistgħu ninterpretawha vi jew va. Din l-ambivalenza hija l-karatteristika tal-ħajja stess. Il-ħajja nnifisha inċerta wkoll. U jekk qed jirrakkonta xi ħaġa f'dawn l-istejjer hija l-ħajja. Jew il-mewt (li mhi xejn ħlief sfumatura tal-ħajja). Qatt f'ħajjitna ma nkunu għexna l-mument li jmiss, is-sena li jmiss, għax il-ħajja hija esperiment. Dawn in-novelli stess huma esperiment. Mhumiex didattiċi, imma huma mixja fil-mhux magħruf. Permezz tagħhom nifhmu spazji

(fiżiċi u mentali) li qatt ma mraħna fihom. U dan pass ieħor inċert u perikoluż.

L-oġġetti wkoll inċerti u perikolużi f'Żahra. Jekk xejn, għax ħafna minnhom jieħdu l-ħajja. Jilagħbu magħna u mal-qagħda tagħna. Jitimgħuna inċertezza wara oħra. Il-ħġieġ, pereżempju, inċert. Ma jafx għandux iżommok warajh, għandux jurik xi ħaġa, bejn qiegħed hemm u bejn le. Dawn in-novelli, mhux se jtuna tweġibiet, anzi se jqanqlulna l-mistoqsijiet u jqajmu fina

l-inċertezza tal-mhux magħruf
l-inċertezza tal-biża'
l-inċertezza tal-ġibdiet
l-inċertezza bejn barra u ġewwa
l-inċertezza tax-xfarijiet
l-inċertezza tar-reliġjon
l-inċertezza tal-ħolqien
l-inċertezza tal-ħolm
l-inċertezza tal-lejl
l-inċertezza bejn tnejn
l-inċertezza tal-mewt
l-inċertezza tal-maltemp
l-inċertezza ta' Malta
l-inċertezza tal-qerda
l-inċertezza tal-mewt
l-inċertezza tat-tfulija
l-inċertezza tax-xjuħija
l-inċertezza tal-għadd
l-inċertezza tal-eternità
l-inċertezza tal-kruha

l-inċertezza tal-imminenza
l-inċertezza tal-issa
l-inċertezza tal-periklu, innifsu …

L-istejjer ta' Żahra jittikawna, ma jħalluniex bi kwietna, u jriduna nkomplu naqrawhom. Iżommuna fuq ix-xwiek għax jagħtuna r-responsabbiltà li naqraw l-istorja (u l-istejjer tal-istorja), li nfassluha l-kumplament tagħha, li nimmaġinawha.

Dan ifakkarna fid-diskors ta' Wolfgang Iser u t-teorija tar-rispons tal-qarrej li titkellem, fost l-oħrajn, fuq il-qarrejja implikati ("The Implied Reader"). Jiġifieri l-irwol ipotetiku ta' xi ħadd li jassumu l-awturi, ta' xi ħadd li l-awturi jintenzjonaw kitbiethom għalih. L-att tal-qari jagħmilna kompliċi, anke jekk

aħna m'aħniex sfurzati nagħżlu,
aħna l-unika ħaġa li tikkonċernana hija l-istorja,
aħna jinteressana "biss" x'hemm miktub fuq il-karta.

Jekk xejn, bir-responsabbiltà li ġġib magħha l-qagħda ta' qarrejja, naħkmu ftit iktar l-arti skomda tal-inċertezza.

## KIF NAQRAW NOVELLA

Nibdew billi naqraw novella iktar minn darba. Novella mhix skuża biex naqraw ix-xogħol darba (jew inqas minn darba). Anzi, it-tul tagħha iktar u iktar jippermetti li tinqara u terġa' tinqara. Għal kemm-il darba hemm bżonn. Biex ma' kull qari niskopru xi ħaġa ġdida.

U aħna u naqraw l-ewwel darba għandna nieħdu idea ġenerali tan-novella, niskopru fuq xiex inhi.

Imbagħad nerġgħu naqraw u nfittxu d-dettalji. Min qed jirrakkonta. Min kellem lil min. Fejn qegħdin. Fejn sejrin. Xħin qed iseħħu l-azzjonijiet ewlenin. Kif tibda u kif tispiċċa. Bħaż-żgħar niflu u nistaqsu, niskopru u nistagħġbu. Infellu kull sentenza, kull frażi, kull kelma.

Għax il-kittieba jagħżlu kull kelma bir-reqqa u jpoġġulha piż partikolari. Għax siekta mhux eżattament l-istess bħal *kwieta* jew *ġwejda*. U nitfa mhux l-istess bħal *tikka* jew *naqra*. Kull kelma għandha l-valur tagħha u l-konnotazzjonijiet tagħha. Timplika ħaġa mhux oħra.

Għalhekk l-analiżi mill-qrib tat-test (li jaf tneħħi l-gost tal-qari) hija inevitabbli. Daqskemm l-istampa s-sħiħa. Għalhekk il-lingwa u l-letteratura mhumiex aljeni għal xulxin. Għalhekk jitimgħu lil xulxin u ma jgħaddux mingħajr xulxin (bħal Rożina u Nikol).

U biex l-analiżi tkun ta' sugu jikkonċernana x-xogħol letterarju, mhux il-ħsieb tagħna jew x'jidhrilna jew x'naħsbu, x'kien qed jaħseb il-kittieb, meta miet, x'kien liebes, xi jħobb jiekol u għaliex. Trevor Żahra mhux affarina. Għax Żahra qiegħed 'il barra mid-dinja tar-rakkont (li fiha jgħammru n-narratur u l-karattri u l-istorja nfisha). Imma kitbietu, iva.

Dak li jgħid it-test u dak li ma jgħidx, ukoll.

Allura l-analiżi tagħna hi l-kuntest, it-temi, il-binja, in-narraturi, il-karattri, l-istili, il-lingwaġġ figurattiv, l-ambjentazzjoni u elementi oħrajn li minn novella jagħmlu n-novella.

## DWAR IN-NOVELLA

"The era we're in is an age of short stories."
Yan Lianke

L-istorja qasira, f'kelma waħda n-novella, hija proża fittizja li ġeneralment tinqara f'darba u tiffoka fuq avveniment wieħed. In-novella iktar konċentrata minn rumanz, li t-tul tiegħu jippermettilu firxa wiesgħa ta' karattri u inċidenti li jsawru plott iktar kumpless. Matul is-snin, l-istorja qasira ħadet is-sura ta' parabbola, leġġenda, ħrafa u aneddotu, fost l-oħrajn. M'hemmx storja qasira ta' tul wieħed u iktar ma dan il-ġeneru evolva (u l-preżenza tat-teknoloġija kibret ukoll), iktar ħa suriet differenti ngħidu aħna, il-mikrofinzjoni li hija storja qasira ħafna li tinqara f'nifs.

Fl-Ewropa, in-novella qasira moderna bdiet tiżviluppa fil-bidu tas-seklu dsatax. F'paragun ma' ġeneri oħrajn, in-novella damet ma evolviet bħala ġeneru, fost l-oħrajn minħabba n-nuqqas ta' litteriżmu kif ukoll minħabba problema ta' pubblikazzjoni. L-iżvilupp tan-novella, lokalment, beda iktar tard. Imma meta n-novella qabdet, għamlet suċċess kbir għax it-tul tagħha għamilha qari ideali, kemm f'termini ta' ħin kif ukoll f'termini ta' ħakma lingwistika. Ma ninsewx li anke r-rumanzi kienu joħorġu f'faxxikli!

Il-ġeneru dominanti fin-novella Maltija hu r-realiżmu. Madankollu, novelli varji fi żminijiet differenti taw l-isfumatura tagħhom lin-novella realistika. Fost l-ewwel eżempji li nistgħu nsemmu, hemm novella moralistika tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia miktuba lejn nofs is-seklu dsatax dwar tfajla fqira li marret tgħix ma' koppja Ingliża.